ĦAL GĦAXAQ

Top of Form
Top of Form
Top of Form
Top of Form

Minuti tal-Laqgħa Nru. 61 tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tnejn 18 ta' Marzu 2013, fis-2.00pm.

| **Preżenti** | **Il-Membri** |
| --- | --- |
| Is-Sindku | Is-Sur Emanuel Vassallo |
| Il-Viċi Sindku | Is-Sur J.M. Abdilla |
| Kunsillieri | Is-Sinjura Rose Agius |
| | Is-Sur Angelo Agius |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sinjura Therese Xuereb |

Aġenda

1. Minuti;
2. Korrispondenza;
3. Il-Playing Field;
4. Suġġerimenti mill-Kunsilliera.

Bottom of Form
Bottom of Form
Bottom of Form
Bottom of Form

ĦAL GĦAXAQ

## 1. Minuti

Il-Minuti tas-Seduti Nru 60 ittieħdu bħala moqrija.

Is-Sindku staqsa kienx hemm rimarki. Peress li ma kienx hemm rimarki huwa ppropona li jkunu adottati. Issekonda l-Kunsillier Agius.

Il-Kunsill qabel unanimament.

## 2. Korrispondenza li rċieva l-Kunsill:- ( Posta u e-mails):-

1. Mid-Dipartiment baghatu id-dokumenti ghal imformazzjoni tal-Kunsill il-gdid.

   Infurmawna ukoll dwar workshop li sar nhar il-Gimgha 15 ta' Marzu bl'isem Matching Projects.

   Infurmawna li l-progett pilota Book Box li applikajna ghalih ma ntghazilx.

2. Il- Malta Competition & Consumer Affairs Authority infurmatna li l-playgrounds ser jigu klassifikati skond ir-rekwiziti tal-\Malta Standards Authority.

3. Minghand l-MFA ircevejna lista ta' dawk li ghandhom jigu mistiedna ghal ftuh ufficjali tal-Mini-pitch u l-gnien.

4. Ircevejna minghand il-MEPA applikazzjonijiet li gew approvati.

5. Ircevejna email minghand Jurgen Cachia dwar il-linji tat-triq Carmelo Rosario Dimech kif jixtieq li jsiru.

6. Il-MEPA infurmatna li is-smiegh ta' l-appell ta' Villa Mekrech ser isir nhar il-4 ta' April 2013.

7. Minghand il-Perit Aaron Abela ircevejna kont ta' 150 euro tax-xoghol li ghamel il-playing field. Il-Kunsill qabel li dawn jithallsu.

ĦAL GĦAXAQ

**5. Playing Field**

Dwar il-Playing Field, is-Sindku qal li sar hafna xoghol u jixtieq lid an il-gnien jigi inawgurat. Wara diskussjoni gie deciz li l-inawgurazjoni issir nhar il-Hadd 31 ta' Marzu 2013 fil-11.00 ta' filghodu.

Sar qbil ukoll li jigu mistiedna l-Ghaqdiet, Membri Parlamentari tal-lokal, l-Kunsilliera l-godda, il-kappillan, Direttur u Chairman tal-GAL Xlokk, Membri tal-MFA u tfal tan-Nursery. Tigi ukoll ikuntatjata l-Media.

Waqt ic-cerimonja isir id-dberik mill-kappillan u diskors mis-Sindku Emanuel Vassallo, kif ukoll Mis-Sur Norman Darmanin Demajo tal-MFA.

Is-Sindku qal li l-kwotazzjoni tan-net ta fuq tal-mini pitch hija ta' 1,852.50 euro bit-twahhil u l-uzu ta' cherry picker b'kollox. Il-Kunsill qabel li din in-net tinxtara u titwahhal ghal dan il-prezz.

**8. Tmiem il-Mandat tas-Sitt Kunsill**

Il-Vici Sindku, s-Sur Joe Abdilla rritorna c-cavetta tal-Bieb ta' Barra tal-Kunsill li kienet inghata lilu fil-bidu tal-legislatura b'mod ufficjali.

Is-Sur Abdilla qal li hadem ma diversi Sindki u diversi Segretarju Ezekuttivi. Qal ukoll li din se tkun l-ahhar laqgha u irringrazzja lil kull min haden mieghu f'dawn l-ahhar dsatax il-sena, sbieh, inqas sbieh u naqra koroh. Kompla biex jghid li jidispjacih li mhux se jkun aktar parti mill-Kunsill li kien ilu jghamel parti minnu sa mil-1994 u taz-zmien li ghamel ma jiddispjacihx ghax tghallem u ta' il-kontribut tieghu.

Is-Sindku s-Sur Vassallo qal li din is-Seduta hija tmiem il-Mandat għas-Sitt Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq. Qal ukoll li kien hemm ħafna affarijiet xi jsiru iżda l-Kunsill wettaq ħafna minnhom.

Is-Sur Vassallo qal ukoll li dawn l-ahhar 7 snin sab koperazzjoni u qatt ma kien hemm inkwiet. Qal ukoll li dejjem hadem minn jeddu u dejjem

instabet it-triq tan-nofs u tad an jirringrazzji lil kulhadd. Qal li hu ghamel l-almu tieghu biex jghamel dak kollu li seta’ ghar-rahal u qatt ma qaghad lura li jiehu decizjonijiet li xi kultant dawn ma jintghogbux ghax xi hadd dejjem jinqaras.

Id-Demokrazija hi dik li hi u l-ghazla tan-nies hi finali.

ĦAL GĦAXAQ

Is-Sinjura Agius qalet li tispera li min ikun fil-Kunsill l-gdid jimxi mal-ligi ghax dak hu l-obbligu u l-allokazjoni titqassam bilghaqal. Qalet ukoll li meta tkun fis-siggu tal-pozizzjoni tkun taf l-affarijiet kif inhuma.

Is-Sinjura Agius qalet li hi ukoll dejjem hadmet u sabet koperazzjoni mill-kunsilliera kollha u ta’ dan tirringrazzjhom.

Il-Kunsillier Attard ukoll irringrazzja lil kulhadd.

7. <u>Aġġornament</u>

Is-Sindku fl-5:00 p.m. aġġorna s-Seduta għal nhar il-Hamis 28 ta’ Marzu 2013, fis-2:00p.m.

Emanuel Vassallo — Therese Xuereb
Sindku — Segretarju Eżekuttiv

<u>Ikkonfermati:- Hamis 28 ta’ Marzu 2013, fis-2.00pm</u>